MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2014

Numru. 139/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur James Grech)**

**Vs**

**Paul Bugeja**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Paul Bugeja ta' 42 sena, bin George u Georgia nee' Cassar, imwieled Pieta' fit-13 ta' Mejju, 1971, residenti Daffodil, Triq l-Iskola, Qrendi u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 227271M:

Billi gie akkuzat talli fil-perijodu ta' bejn it-8 ta' Jannar 2013 u t-30 ta' Novembru 2013 u/jew fil-jiem ta' qabel f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu, anki jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u gew maghmula b'rezoluzzjoni wahda:

1. Uza xi servizzi postali, u bhala rizultat ta' dan ghamel hsara jew ikkaguna biza' jew inkella ta lok ghal xi hsara jew biza' lil Zarenu Zammit u/jew Margaret Zammit u/jew persuna jew persuni ohra;

2. U aktar talli qieghed go xi kaxxa tal-ittri provduti minn operator postali ghar-ricezzjoni ta' oggett postali, xi sustanza fluwida perikoluza, mahmuga, nociva jew li tikkaguna hsara, jew qieghed xi oggett ta' fastidju go xi kaxxa tal-ittri bhal dik, jew ghamel xi haga li x'aktarx taghmel hsara lill-kaxxa tal-ittri bhal dik jew dak kollu li jkollu x'jaqsam maghha jew il-kontenut ta' go fiha;

3. U aktar talli baghat jew ipprezenta, jew ittrasferixxa sabiex jigu mibghuta bil-posta xi animal, jew xi oggett jew haga ta' liema xorta tkun, jew mahmuga, nociva jew li tikkaguna hsara, li x'aktarx tgharraq jew taghmel hasar lill-oggetti postali ohra waqt li dawn ikunu qeghdin jitwasslu bil-posta jew li jikkagunaw hsara fizika u, jew jheddu b'kull mod lil xi persuna jew persuni;

4. U aktar talli bil-mezz ta' karta miktuba, sew jekk anonima kemm jekk iffirmata bl-isem tieghu innifsu jew b'isem mahluq, hedded

lil Zarenu Zammit u/jew Margaret Zammit u/jew persuna jew persuni ohra b'xi delitt;

5. U aktar talli gab ruhu b'mod li ta fastidju lil Zarenu Zammit u/jew Margaret Zammit u/jew persuni ohra u/jew b'mod li kien jaf jew messu kien jaf li dan kien ta' fastidju ghal dawn il-persuni;

6. U aktar talli bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Zarenu Zammit u/jew Margaret Zammit biza' li se tintuza' kontrihom jew kontra l-proprjeta' taghhom jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) meta kien jaf jew messu kien jaf li l-imgieba tieghu se tikkaguna lil Zarenu Zammit u/jew Margaret Zammit hekk jibzghu kull darba minn dawk l-okkazzjonijiet;

7. U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi, ghamel uzu mhux xieraq permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika;

8. U aktar talli ingurja u/jew hedded lil Zarenu Zammit u/jew Margaret Zammit bi kliem jew b'xi mod iehor;

Il-Qorti hija mitluba tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-artikolu 412C fejn tipprojbixxi lill-imputat milli javvicina lil Zarenu Zammit u Margaret Zammit u r-residenza taghhom kif ukoll il-post li tali persuni jiffrekwentaw;

Il-Qorti hija mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' spejjez li kellhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif kontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat il-kunsens ta′ l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza tal-1 ta′ Lulju 2014 mizmuma minn din il-Qorti l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatu zmien jikkunsidra l-posizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u ghalhekk dawn huma sodisfacentement ippruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz, l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta′ dawn il-proceduri, il-fedina penali netta u l-fatt li l-imputat iddikjara li fittex kura psikjatrika diga′.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 62(b)(e) u 66(1) tal-Kapitolu 254 tal-Ligijiet ta′ Malta, l-artikoli 18, 249, 251A, 251B u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta′ Malta u l-artikolu 49(c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta′ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u b′applikazzjoni tal-

artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht ordni ta' probation bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni moghti kontestwalment ghal perjodu ta' tlett (3) snin millum. U biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-parte leza Zaren Zammit u Margaret Zammit b'applikazzjoni ta' l-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet il-Qorti qed tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat bil-projbizzjonijiet kollha elenkati fl-istess artikolu 412C(3) tal-Kapitolu 9 u dan ghal perjodu ta' tlett (3) snin.

Il-Qorti tordna wkoll lill-hati jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti li jammontaw ghal elfejn u tnejn u tletin euro u disgha u hamsin centezmu (€2,032.59) skont l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jridu jithallsu fi zmien sitt (6) xhur millum b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin jew jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu moghtija.

Il-Qorti qeghda tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficju tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------